**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 431/2023 MS*

**Giuseppina Crisafulli bħala mandatarja speċjali ta' Michele Vita**

**Vs.**

**Emanuel Poland u GasanMamo Insurance Limited**

Illum, 26 ta' Mejju 2025

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi nomine fil-25 t'April 2023, li bih wara li ġie premess dan li ġej:

> Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża
>
> Kmieni filgħodu fl-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrenti Michele Vita kien għaddej fuq in-naħa tal-lemin tat-Triq ix-Xatt fil-Gżira, direzzjoni lejn tas-Sliema.

> Fl-istess ħin, l-intimat Emanuel Poland kien għaddej isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Toyota Ractis, b'numru tar-reġistrazzjoni CBU684. Huwa kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata ta' barra, direzzjoni lejn tas-Sliema. Flimkien mal-intimat Poland, kien hemm xi passiġġier ieħor.
>
> F'daqqa waħda, l-intimat Poland tajjar lir-rikorrenti Michele Vita, b'dana illi r-rikorrenti Vita spiċċa mal-art f'għadira demm, imdawwar b'diversi biċċiet u partijiet mill-vettura tal-intimat Poland.
>
> L-intimat Poland, minkejja dan l-aċċident, baqa' għaddej.
>
> Dan l-aċċident seħħ unikament b'konsegwenza tat-traskuraġni, non-kuranza, negliġenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, nuqqas ta' prudenza u diligenza mill-intimat Poland, li kien assigurat mal-kumpannija intimata, GasanMamo Insurance Limited.
>
> Kawża ta' dan l-aċċident, ir-rikorrenti sofra ġrieħi ta' natura gravi u permanenti – inkluż *lucrum cessans, damnum emerġens,* danni psikoloġiċi, psikjatriċi, danni morali, u spejjeż oħra.
>
> In vista ta' dan, ir-rikorrenti għandu l-jedd għar-risarċiment tad-danni mill-intimati jew min minnhom.
>
> Minkejja li l-intimati ġew interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta-danni subiti mir-rikorrenti, l-intimati baqgħu lkoll inadempjenti **(Dok. 'B' u 'Ċ').**
>
> Għalhekk, l-intimati huma responsabbli għad-danni, u huma obbligati skont il-liġi jħallsu lir-rikorrenti.
>
> Ir-rikorrenti, għan-nom ta' Michele Vita, taf personalment b'dawn il-fatti kollha.
>
> <u>Raġuni tat-Talba</u>
>
> Ħtija tal-intimati, ir-rikorrenti sofra danni.
>
> Għalhekk kellhom jiġu mibdija dawn il-proċeduri.

intalab lil din il-Qorti jogħġobha, salv kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

> 1. Tiddikjara illi l-intimati jew min mnnhom huma unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra kollha sofferti mir-rikorrenti, kif fuq spjegat, b'konsegwenza ta' dak li seħħ fil-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u tmintax (2018);

> 2. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti Michele Vita minħabba t-traskuraġni, non-kuranza, negliġenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, nuqqas ta' prudenza u diligenza, konsistenti dawn ukoll f'debilità funzjonali u permanenti, danni psikoloġiċi, psikjatriċi, danni morali, telf ta' qligħ futur, u danni u spejjeż oħra, ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Liġi oħra li tista' tkun fis-seħħ u/jew applikabbli minn żmien għal żmien;
>
> 3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli skont il-liġi;
>
> Bl-imgħax legali min-notifika tal-ittra ġudizzjarji 1796/2021, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż l-ittra ġudizzjarja msemmija u oħra bin-numru 407/2023, liema intimati jinsabu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fil-25 ta' Mejju 2023[1], li permezz tagħha wieġbu hekk:

> 1. Illi, in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxu illi Giuseppina Crisafulli ma ghandha l-ebda locus standi illi tidher bhala Mandatarja tal-assenti minn Malta Michele Vita u dana stante l-fatt illi mill-prokura [**Dok.A**] ma jirrizulta minn imkien illi l-imsemmi Michele Vita qieghed jaghti xi forma ta' awtorizazzjoni lil Giuseppina Crisafulli sabiex tidher f'dawn il-proceduri f'ismu;
>
> 2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jeccepixxu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost l esponenti jeccepixxu wkoll in linea preliminari illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-**Artikolu 2154 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** senjatament l-Artikolu 688 (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana stante illi assolutament mhux minnu illi l-konvenut Emanuel Poland kien b'xi mod jahti ghall-incident *de quo*, u dan kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

---

[1] Fol.21.

5. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-attur ghandu fi kwalunkwe kaz iressaq l-ahjar prova dwar id-danni effettivi u attwali minnu allegati u reklamati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

3. Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2023[2], din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li saru;

6. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex jiġu deċiżi t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

7. Illi din is-sentenza hija dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti. B'dawk l-eċċezzjonijiet, il-konvenuti qed jgħidu li l-azzjoni tal-attriċi nomine hija preskritta skont l-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

8. Il-fatti rilevanti huma dawn:

   i. fl-1 ta' Marzu 2018, il-mandant tal-attriċi nomine ġarrab ġrieħi gravi f'inċident stradali, fejn huwa ttajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut Poland;
   ii. fl-inkjesta dwar *in genere* li saret b'konsegwenza ta' dan l-inċident, ġie konkluż li l-ħtija kienet tal-mandant tal-attriċi nomine, u ma ttieħdux proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut Poland;

[2] Fol.26.

iii. fit-30 t'April 2021, intbagħtet l-ittra uffiċċjali bin-numru 1796/2021 lill-konvenuti, li ġew notifikati[3];

iv. fil-31 ta' Jannar 2023, intbagħtet l-ittra uffiċċjali bin-numru 407/2023 lill-konvenuti, li ġew notifikat[4];

v. fil-25 t'April 2023, saret din il-kawża.

9. Kif intqal riċentement fid-deċiżjoni ***Leonard Cutajar et vs. Awtorità tal-Ippjanar*** (Appell Superjuri, 25 ta' Marzu 2025):

> Huwa miżmum li meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ewwel determinazzjoni li għandha ssir mill-Qorti tirrigwarda l-applikabilità tal-preskrizzjoni eċċepita għall-azzjoni tal-attur[5]. Fejn jinstab li dik il-preskrizzjoni hija tassew applikabbli, ikun imiss li l-Qorti teżamina l-provi biex tara tistax tasal għall-jum meta t-terminu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri. L-oneru tal-prova dwar meta beda għaddej dan it-terminu jinkombi fuq il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni[6]. Min-naħa l-oħra, il-prova li jeżistu ċirkostanzi li jwasslu għall-interruzzjoni jew għas-sospensjoni tat-terminu, jew inkella għal rinunzja għall-preskrizzjoni magħluqa, tinkombi fuq il-parti li trid tegħleb l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni[7].

10. Issa huwa konsistentement miżmum li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni tal-attur tiddependi mit-termini u min-natura tal-azzjoni nnifisha, irrispettivament minn dak li jista' jirriżulta mill-provi matul il-kors tas-smigħ tal-kawża (ara f'dan is-sens ***Lorry sive Lawrence Cuschieri vs. L-Onor. Ministru tal-Ambjent et***, Appell Superjuri, 25 ta' Frar 2005; ***Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vs. Oil and Construction International Limited***, Appell Inferjuri, 28 t'April 2004; ***Peter Montebello vs. Peter Montebello et***, Prim'Awla, 25 ta' Settembru 2003). Kif intqal fid-deċiżjoni ***Joseph Borg vs. Nobbli Maria Testaferrata Bonici***

---

[3] Fol.58.
[4] Fol.61.
[5] Ara per eżempju ***Austin Psaila vs. Lothar Slabick***, Appell Inferjuri, 9 ta' Frar 2005.
[6] Ara per eżempju ***Paolo Calleja vs. Luigi Vella***, Appell Kummerċjali, 15 ta' Ġunju 1964 (Kollezz. Vol.XLVIII.i.603), kif ukoll ***Guido J. Vella A&CE vs. Dr. Emanuel Cefai LL.D***, Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 2001.
[7] Ara ***Mary Rose Tabone qabel Stellini vs. Silvio Vassallo pro et noe***, Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu 2004.

(Appell Superjuri, 24 ta' Marzu 1958)[8]: «*...wieħed għandu jħares, biex jiddeċidi liema hija l-preskrizzjoni applikabbli, lejn id-domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni*»[9].

11. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, huwa ċar li l-attriċi nomine qed tippretendi mingħand il-konvenuti il-likwidazzjoni ta' danni konsegwenzjali għal ġrieħi gravi li Michele Vita jgħid li ġarrab f'inċident stradali li huwa jsostni li seħħ minħabba traskuraġni tal-konvenut Poland. Hija din il-pretensjoni tal-attriċi nomine, u l-preskrizzjoni li għandha titqies applikabbli għall-azzjoni tipprexxindi mill-fatt jekk dik il-pretensjoni hijiex fondata jew le. Naturalment, ir-reat li l-attriċi nomine tisħaq li seħħ huwa attribwit biss lill-konvenut Poland, u mhux lill-kumpanija konvenuta. L-azzjoni tal-attriċi nomine kontra l-kumpanija konvenuta tidher li hija bażata fuq l-artikolu 9A tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni[10], li però hija soġġetta għall-istess regoli u limitazzjonijiet li japplikaw għall-azzjoni kontra d-danneġġjant pretiż. Dan hu hekk għaliex l-azzjoni diretta mid-danneġġjat kontra l-assikuratur hija bażata fuq solidarjetà fil-konfront tal-assikuratur u tal-persuna li kkaġunat id-danni (ara f'dan is-sens ***Koperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd vs. Thomas Smith Insurance Agency Limited noe***, Appell Superjuri, 25 ta' Mejju 2023), u per konsegwenza l-assikuratur għandu l-jedd iqajjem l-istess eċċezzjonijiet li jgħoddu għall-assikurat, salv dawk li huma prettament personali[11]. Naturalment, jekk jirriżultawx jew le l-estremi kollha tal-azzjoni diretta skont l-artikolu 9A tal-Ordinanza preċitata hija kwistjoni ta' meritu li teżorbita mill-parametri ta' din id-deċiżjoni.

12. Il-fatt li bih jiġu kaġunati ġrieħi gravi lil persuna oħra b'konsegwenza ta' traskuraġni huwa reat, u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli m'hijiex dik taħt l-artikolu 2153, iżda dik taħt l-artikolu 2154[12]. Huwa irrilevanti li ma ttieħdux passi kriminali kontra l-konvenut Poland. Kif sewwa inżamm fid-deċiżjoni ***Mary Ann***

---

[8] Kollezz. Vol.XLII.i.153.
[9] Ara fl-istess sens ***Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vs. Oil and Construction International Limited***, Appell Inferjuri, 28 t'April 2004.
[10] Kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta.
[11] Artikolu 1099 tal-Kodiċi Ċivili.
[12] Ara f'dan is-sens ***Joseph Zammit vs. Joseph Bonello et***, Prim'Awla, 8 t'Ottubru 2004.

***Borg nomine vs. Korporazzjoni Enemalta et*** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar 2014):

> 9. Jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti ċivili u sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili – illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa tal-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan *ipso iure* jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154.
>
> 10. Fil-każ tallum l-attur essenzjalment qiegħed igħid illi l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk imbagħad ma jinstabx li l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huwa ħati ta' dak in-nuqqas, dan, kif ġà ngħad, iwassal biex l-azzjoni taqa' minħabba nuqqas ta' prova tal-premessa tagħha, u mhux minħabba preskrizzjoni taħt l-art. 2153.[13]

13. Għalhekk l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

14. Illi skont l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

15. L-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

[13] Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Joseph Attard et vs. Anthony Attard et*** (Appell Superjuri, 8 ta' Jannar 2018), ċitata mill-attriċi nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

> 226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –
> (a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);
> …

16. Fil-fatt l-artikolu 218 tal-istess Kodiċi kien jgħid hekk:

> (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin[14] –
> (a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;
> ...

17. L-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali jgħid kif ġej:

> Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -
>
> ...
> (d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;
> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;
> …

18. Kif rajna, l-piena għar-reat li l-attriċi nomine qed tattribwixxi lill-konvenuti iġorr piena «*ta' mhux iżjed minn sena*». Dan ifisser li l-massimu tal-piena hija sena. Skont l-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali, reati soġġetti għal piena ta' priġunerija għal żmien «*... ta' mhux anqas minn sena*» jiġu estinti bil-preskrizzjoni ta' ħames snin. Huwa fejn il-piena tkun «*ta' anqas minn sena*» li l-preskrizzjoni hija sentejn. Għalhekk ir-reat addebitat lill-konvenuti jintlaqat

[14] Din id-dispożizzjoni qed tinġieb kif kienet fiż-żmien is-sinistru mertu tal-kawża. Bl-artikolu 24 tal-Att XIII tal-2018, il-piena żdiedet għal "ħamsa sa għaxar snin".

eżattament bil-preskrizzjoni ta' ħames snin[15]. Kif ġie sewwa spjegat fid-deċiżjoni ***Inna Said vs. Massimo Bonello et*** (Appell Superjuri, 27 ta' Marzu 2020):

> Fil-fatt iż-żmien ta' preskrizzjoni ma kienx sentejn kif qalet l-ewwel qorti iżda ħamsa. Fl-inċident l-attriċi tgħid li ġarrbet ġrieħi li ma tfieqx minnhom. Għalhekk l-azzjoni hija dwar offiża gravi għax "tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem" (art. 218(1)(*a*) Kod. Krim.). L-art. 226(1) Kod. Krim. igħid illi jekk l-offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-art. 218 il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena. Il-preskrizzjoni għalhekk hija dik ta' ħames snin taħt l-art. 688(*d*) Kod. Krim. għal delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien … mhux anqas minn sena" għax "żmien mhux iżjed minn sena" (art. 226(1)), *i.e.* minn sena 'l isfel, huwa żmien "mhux anqas minn sena" (art. 688(*d*). Dan qiegħed jingħad *obiter*, billi ma sarx appell fuq hekk, iżda qiegħed jingħad biex ma jinħolqux preċedenti ħżiena.

19. Il-fatt li l-attriċi nomine tgħid li jikkostitwixxi reat seħħ fl-1 ta' Marzu 2018, li jfisser li l-preskrizzjoni kienet tagħlaq fit-28 ta' Frar 2023. Iżda l-attriċi nomine ressqet ittri uffiċċjali matul dak il-perijodu, li wasslu biex it-terminu tal-preskrizzjoni jibda jgħaddi mill-ġdid. Għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni ma laħaqx għadda u anki l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili m'għandhix tintlaqa'.

20. Għall-kompletezza, il-Qorti tgħid li ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi nomine dwar is-sospensjoni tal-preskrizzjoni bl-applikazzjoni tal-prinċipju li *contra non valentem agere, non currit praescriptio*, fejn il-każ ikun li ma ssirx interruzzjoni minħabba nuqqas tal-avukat inkarigat mill-kreditur. F'dawk il-fattispeċi, ma tirriżultax l-impossibilità tal-azzjoni li l-ġurisprudenza u d-dottrina jeħtieġu għall-applikazzjoni tal-prinċipju preċitat, u jekk xejn, il-kreditur ikollu biss dritt t'azzjoni kontra l-avukat li jkun naqas, jekk dak in-nuqqas ikun tassew imputabbli lil dak l-avukat.

---

[15] Ara f'dan is-sens ***Fleur Debono vs. Shanylee Reed et*** (Prim'Awla, 19 t'Ottubru 2018). Il-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-15 ta' Novembru 2023, varjat din id-deċiżjoni biss billi sabet ħtija kontributorja min-naħa tal-attriċi, u l-kap tas-sentenza li bih ġiet trattata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġiex varjat.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tordna li l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jitħallsu solidalment mill-konvenuti;

(iv) tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur